**14 ta' Mejju, 1945.**

**Imhallfin :**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Arturo Callus *versus* Carmelo Morana et.

**Obligazzjoni Kummerċjali — Soċjetà Irregolari — Stat ta' Komunjoni — Rendiment ta' Kontijiet — Azzjoni "pro socio" — Htija ta' wiehed mis-Soċi — Art. 5 ta' l-Att XIV ta' l-1933.**

*L-att XIV ta' l-1933 fl-art. 5 jistabbilixxi preżunzjoni fis-sens illi, jekk il-partijiet riedu skrittura u dina ma saretx, allura bejniethom kien hemm semplići trattativi, u mhux ftehim.*

*Din il-preżunzjoni però ma hix "juris et de jure", imma preżunzjoni semplići li tista' tiġi abbattuta bi provi kuntrarji; u meta dak il-ftehim jirriżulta li sar u kellu bħala oġġett l-attività kummerċjali in komune, ma hemmx soċjetà mħabba nuqqas ta' skrittura, imma hemm soċjetà irregolari li, għalkemm ma tagħtix lis-soċi kontra xulxin l-azzjoni "pro socio", tagħtihom però l-azzjonijiet li joħorġu mill-istat tal-komunjoni, fosthom dik tar-rendiment tal-kontijiet ta' l-affarijiet li saru in komune meta kienu fl-istat ta' komunjoni.*

*Jekk wieħed mill-assoċjati kien f'xi ħtija lejn is-soċju l-ieħor għax naqas minn xi patt jew obligu soċjali, is-soċju l-ieħor għandu azzjonijiet oħra kontra tiegħu li jeżorbitaw minn dik għar-rendiment tal-kontijiet.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremetta illi l-kontendenti bi skrittura privata ta' l-1 ta' Mejju 1943, ikkostitwew bejniethom soċjetà għall-eżerċizzju ta' Talkies taħt l-isem "Pavilion", Bir-id-Deheb, limiti ta' Birżebbuġa, u f'dik l-iskrittura kien stipulat li l-kontijiet, sija tat-Talkies kif ukoll dawk tal-buffet li miegħu hemm anness, kellhom jiġu likwidati kull ġimgħa u l-profitti provenjenti minn dik l-impriża jinqasmu fil-proporzjon ta' nofs bejn il-konvenuti Michele u Victor aħwa Callus, u n-nofs l-ieħor bejn l-attur u l-konvenut Morana; u billi l-imsemmijin Talkies u Buffet ilhom jiġu attivati mill-31 ta' Ottubru 1943, u l-konvenuti għadhom sal-lum ma rrendewx kont lill-attur sija ta' l-inkassi kemm ukoll ta' l-isborżi, non ostanti d-diversi interpellazzjonijiet; talab illi l-konvenuti jiġu kundannati li jirrendu lill-attur kont fidil tad-dħul u ħruġ li saru in konnessjoni ma' l-attivazzjoni ta' l-imsemmijin Talkies u Buffet miegħu anness mill-31 ta' Ottubru 1943, sal-lum, u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss mill-Qorti; u jekk dan iż-żmien jgħaddi inutilment, li l-attur jiġi awtorizzat jippreżenta huwa stess nota u jikkonfermaha bil-ġurament; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ottubru u tas-6 ta' Novembru 1943;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fid-19 ta' Jannar 1945, fejn irrespinġiet it-talbiet in kwantu huma diretti kontra l-konvenuti Callus, bl-ispejjeż kontra l-attur, u laqgħet l-ewwel talba in kwantu diretta kontra l-konvenut Morana, u pprefiġġiet lil dana żmien ta' xahar biex jagħti lill-attur il-kontijiet kif inhuma mitlubin, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut Morana, u laqgħet ukoll it-tieni talba in kwantu diretta kontra l-istess konvenut Morana, kemm-il darba huwa jonqos jagħti l-kontijiet f'dak iż-żmien, u ordnat illi l-ispejjeż ikunu kontra Morana kemm-il darba ma jirrendix il-kontijiet f'dak iż-żmien, u jkunu kontra l-attur kemm-il darba jirrendihom fiż-żmien prefiss; l-ispejjeż tar-rikors fol. 34 iħallashom l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi l-iskrittura ta' l-1 ta' Mejju 1943, fir-rapport bejn il-konvenuti Callus mal-kontendenti l-oħra hija ta' lokazzjoni, iżda minnha jidher illi l-attur kellu jeżerċita t-talkies flimkien ma' l-appellant Morana, bħala assoċjati, b'dan illi l-attur kellu jieħu kwart tal-profitti u tal-bar; jekk imbagħad l-attur għamilx dak li kellu jagħmel, u l-appellant qagħadx jew le fil-bar, ma tistax tiġi eżaminata f'dina l-kawża;

Illi l-attur ħadem fiċ-ċinematografu, iżda rieġ il-kontijiet bl-irċevuti biex iħallas nofs l-ispiża, li Morana qal li hija ta' £400; illi ċ-ċinematografu nfetaħ f'Ottubru 1943..............;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Morana u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi riformata, billi tiġi revokata in kwantu laqgħet l-ewwel talba u ppreġġiet xahar żmien għall-kontijiet kif inhuma mitluba, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u in kwantu laqgħet it-tieni talba kif inhi diretta kontra l-appellant kemm-il darba huwa jonqos milli jirrendi l-kontijiet f'dak iż-żmien u in kwantu ordnat illi l-ispejjeż relativi jitħallsu minnu kemm-il darba ma jirrendix il-kontijiet f'dak iż-żmien, u jiġi deċiż għar-rigett ta' dawk it-talbiet, u billi jiġi dikjarat illi in kwantu ġie kompriż il-ħanut ta' l-appellant hija "extra petita" u għalhekk tiġi revocata, u fi kwalunkwe każ tiġi revokata fil-meritu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat, u jiġi deċiż għar-rigett tat-talbiet in kwantu diretti kontra l-appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat, u konfermata fil-kumplament;

*Omissis*;

Tikkunsidra;

Illi bejn il-partijiet, kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, kien hemm soċjetà irregolari li saret mingħajr ebda skrittura; u dan jidher (1) mix-xhieda ta' l-istess attur..............;

Tikkunsidra;

Illi l-appellant jissottometti wkoll illi, anki kieku kien hemm ftehim, peress li dan kellu jkun magħmul bil-miktub, huwa invalidu skond l-Att nru. XIV ta' l-1933. Iżda dik il-liġi, fl-artikolu 5 tagħha, titfa' wisq raġjonevolment preżunzjoni, speċjalment kif ġara f'ħafna każijiet, meta jkun hemm dubju serju jekk il-partijiet ikunux waslu jew le għal ftehim

definitiv; allura la darba huma riedu l-iskrittura, vwoldiri li hemm semplići trattativi; iżda din ma hix preżunzjoni "juris et de jure", iżda preżunzjoni semplići li tista' tiġi abbattuta minn provi kuntrarji. Issa l-provi fuq enumerati juru illi, għalkemm huma kellhom ħsieb li jagħmlu skrittura bejniethom, li ma saretx, il-konvenzjoni definitiva kienet saret, u ma kienux qegħdin fil-kamp semplićement ta' trattativi. Infatti l-attur kien responsabili għall-kiri tal-makkinarju u tas-siġġijiet u ta' xi artikoli oħra, kif kien responsabili di fronti għal-lokaturi għal dawn l-affarijiet u għall-pattijiet li joħorġu mill-kuntratt fuq imsemmi. Issa kienet tkun ħaġa wisq inġusta illi jiġi stabbilit li l-attur kien ħekk marbut b'dak il-kuntratt għar-responsabilità kollha li assuma, għall-fini determinat li jinfetaħ talkies fil-"Pavilion Theatre", u intant Morana juża dak it-talkies fl-interess tiegħu privat, u l-attur bir-responsabilità kollha li assuma ma għandu ebda parti u ebda interess; u dan kontra l-prinċipju fondamentali tad-Dritt illi "in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit" (L. 90, Dig. L. 17);

Tikkunsidra;

Illi la darba hemm soċjetà irregolari, kif ġie kostantement ritenut mill-Qrati Tagħna fil-materja, għalkemm soċju kontra l-ieħor ma jistax jesperixxi l-azzjoni "pro socio", iżda jkollu d-dritt li jagħmel dawk l-azzjonijiet li joħorġu minn l-istat ta' komunjoni li jkun hemm bejn il-partijiet, u fosthom, mingħajr dubju, dak li jitlob ir-rendikont ta' l-affarijiet li saru in komune meta kien hemm dak l-istat ta' soċjetà irregolari (ara sent. App. Kumm. "Huber vs. Gingell", 9 ta' Mejju 1906, Kollez. Vol. XIX-I-214, u sent. Kummerċ "Galea vs. Gravina", 26 ta' Mejju 1914, Kollez. Vol. XXII-III-121, u s-sentenzi hemm ċitati). Issa f'dan il-każ l-attur ma' l-appellant krew il-makkinarju u l-affarijiet għall-attwazzjoni ta' Talkies fil-Pavilion Theatre, u għalhekk l-attività li saret hemm mindu fetaħ f'Ottubru ta' l-1943 sal-perijodu mitlub fiċ-ċitazzjoni kienet mingħajr dubju saret fl-interess komuni anki ta' l-appellant;

***Omissis;***

Tikkunsidra;

*Illi fuq il-bar gie pruvat..........*; u għalhekk fuq dan il-pont l-appellant għandu raġun li la darba ' ma kienx miftuħ, u għalhekk ma kienx attivat, ma jistax jagħti kontijiet ta' ħaġa li kienet għadha ma nfetħetx;

Tikkunsidra;

Illi l-Ewwel Qorti rriteniet illi peress l-appellant kien messu sab il-mezz biex iġib il-permess, kif difatti sab il-mezz wara, ċjoè f'April 1944, huwa fil-ħtija, u għalhekk ikkunsidrat illi għal fini tar-rapporti bejn il-partijiet il-ħanut tax-*xorb li kien ta' l-appellant minn snin qabel għandu jiġi* kunsidrat bħala post in sostituzzjoni tal-bar, u għalhekk l-appellant ġie kundannat jagħti l-kontijiet ta' dak il-ħanut. Iżda dan mhux aċċettabili, għaliex anki jekk l-appellant kien fil-ħtija talli ma nfetaħx il-bar, l-azzjoni li toħroġ favur is-soċju l-ieħor hija azzjoni oħra, mingħajr ma tista' tieħu ħaġa li ma kienetx oġġett tas-soċjetà; infatti peress illi dak il-ħanut kien ilu miftuħ xi sebgħa snin qabel, huwa naturali li kellu l-affarjiet li kienu qegħdin jiggwarnuh bħala ħanut, kellu xi av-*venturi* u *kellu l-avvjament tiegħu, indipendentement minn* dak tat-talkies; u dawn ma jistgħux imorru favur l-attur. Għal hekk l-attur għal bar, la darba ma nfetaħx, jekk jippretendi li dana ġara, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, għal ħtija ta' l-appellant, għandu azzjoni oħra kontra l-istess konvenut Morana appellant, għaliex mill-banda l-oħra fi kwalunkwe każ l-appellant ma għandux jivvantaġġja ruħu minn qliegħ li kien ġej minħabba l-ftuħ tat-talkies u li normalment kien imissu mar favur il-bar li kien imissu nfetaħ. Iżda din il-kwistjoni *teżorbita minn din il-kawża kif inhi impustata għall-kontijiet*, u għalhekk favur l-attur huma riżervati l-azzjonijiet kollha anki kontra l-konvenut appellant, li għandu dritt għalihom skond il-liġi "si et quatenus";

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti in riferenza għat-talkies;

1. Tirrespinġi l-appell tal-konvenut Morana għal dak li jirrigwarda t-Talkies, u għal dak il-kap tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż relativi kontra l-appel-

lant; it-terminu stabbilit mill-Ewwel Qorti jibda jgħaddi millum;

2. Tilqa' l-appell ta' l-istess konvenut Morana in *riferenza* għall-bar, u għal dak il-kap tillibera l-konvenut Morana mill-osservanza tal-ġudizzju; salvi favur l-istess attur, anki kontra l-istess konvenut appellant, kwalunkwe azzjoni oħra li għandu dritt għaliha, "si et quatenus"; l-ispejjeż ta' dan il-kap ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, iżda d-dritt tar-reġistru relativ jitħallas mill-attur;

U f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell; salva favur l-attur anki kwalunkwe azzjoni oħra kontra l-appellant għall-perijodi ta' wara, jekk u kif trid il-liġi.

---